IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

1952 – 2022

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 179/22

il-Lussemburgu, 9 ta’ Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-158/21 | Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs Il-Kummissjoni

# Il-Qorti Ġenerali tikkonferma l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tieħu l-azzjonijiet mitluba fl-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej “Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe”

*L-azzjonijiet diġà meħuda mill-Unjoni sabiex tenfasizza l-importanza tal-lingwi reġjonali jew minoritarji u sabiex tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika huma suffiċjenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’ din l-inizjattiva*

Ir-rikorrent, Citizens’ Committee of the European Citizens’ Initiative “Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe”, talab lill-Kummissjoni Ewropea tirreġistra l-proposta ta’ inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) intitolata “Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe” [1].

Din il-proposta kienet intiża li tistieden lill-Unjoni Ewropea tadotta sensiela ta’ atti sabiex titjieb il-protezzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali u lingwistiċi u sabiex tissaħħaħ id-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni.

Wara r-reġistrazzjoni tal-proposta ta’ IĊE mill-Kummissjoni [2] u l-ġabra ta’ numru suffiċjenti ta’ firem insostenn tagħha, ir-rikorrent ippreżenta l-IĊE inkwistjoni lill-Kummissjoni. Wara t-teħid ta’ pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar din l-IĊE [3], il-Kummissjoni, fl-14 ta’ Jannar 2021, adottat il-komunikazzjoni [4] li permezz tagħha rrifjutat li tieħu l-azzjonijiet mitluba fl-IĊE, li tikkonċerna b’mod partikolari, fost id-disa’ proposti elenkati:

– rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni (proposta 1);

– deċiżjoni jew regolament tal-Parlament u tal-Kunsill intiżi għall-ħolqien ta’ ċentru għad-diversità lingwistika fil-qasam tal-lingwi reġjonali u minoritarji, iffinanzjat mill-Unjoni u responsabbli għall-promozzjoni tad-diversità fil-livelli kollha (proposta 3);

– emenda tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex jiġi ggarantit trattament kważi ugwali bejn persuni mingħajr Stat u

[1] Skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 94, p. 49), imħassar u ssostitwit b’effett mill-1 ta’ Jannar 2020 bir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU 2019, L 130, p. 55, rettifiki fil-ĠU 2019, L 334, p. 168 u fil-ĠU 2020, L 424, p. 60).

[2] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/652 tad-29 ta’ Marzu 2017 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack – miljun firma għad-diversità fl-Ewropa” (ĠU 2017, L 92, p. 100).

[3] Riżoluzzjoni tal-Parlament (2020)2846(RSP), P9_TA-PROV(2020)0370 tas-17 ta’ Diċembru 2020.

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 171 final tal-14 ta’ Jannar 2021.

ċ-ċittadini tal-Unjoni (proposta 6); u

– emenda għad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva [5], sabiex tiġi żgurata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u r-riċezzjoni ta' kontenut awdjoviżiv f'reġjuni fejn ikunu jirrisjedu minoranzi nazzjonali (proposta 8).

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali **tiċħad ir-rikors** tar-rikorrent **intiż għall-annullament tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni**. Din il-kawża għalhekk tagħti l-opportunità lill-Qorti Ġenerali, minn naħa, tippreċiża li, bla ħsara għall-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament 2019/788, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jimponix fuq il-Kummissjoni l-obbligu li torganizza numru identiku ta' laqgħat mal-organizzaturi ta' kull IĊE, u, min-naħa l-oħra, li tapplika s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tad-drittijiet irrikonoxxuti biss liċ-ċittadini tal-Unjoni, fis-sentenza Préfet du Gers et Institut national de la statistique et des études économiques [6].

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali**

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-Kummissjoni osservat **l-obbligu ta' motivazzjoni** f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni kkontestata. **Fid-dawl tal-azzjonijiet diġà meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-IĊE inkwistjoni** u l-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni tal-imsemmija azzjonijiet, **hija qieset li**, f'dan l-istadju, **l-ebda att legali addizzjonali ma kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija minn din l-IĊE**.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, konformement mal-**prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament**, in-numru ta' laqgħat li l-Kummissjoni torganizza mal-organizzaturi ta' IĊE jista' jvarja, b'mod partikolari skont in-natura jew il-kumplessità tal-IĊE, b'tali mod li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata torganizza numru identiku ta' laqgħat mal-organizzaturi ta' kull IĊE.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-eżami tal-proposti 1, 3, 6 u 8 tal-IĊE inkwistjoni.

Għalhekk, fir-rigward tal-**proposta 1**, il-Kummissjoni ġustament issemmi, fil-komunikazzjoni kkontestata, il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa [7], sabiex timmotiva r-rifjut tagħha li tieħu l-azzjoni prevista minn din il-proposta. Il-fatt li l-Unjoni ma hijiex parti ta' din il-karta ma jurix li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li r-rikorrent ma jikkontestax li l-Unjoni regolarment tirreferi għal dan it-test bħala l-istrument legali li jiddefinixxi l-linji gwida dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-lingwi reġjonali u minoritarji. Barra minn hekk, il-fatt li ċerti Stati Membri għadhom ma ffirmawhiex jew ma rratifikawhiex huwa irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam. Bl-istess mod, ma jistax ikun meħtieġ mill-Kummissjoni, waqt l-eżami ta' IĊE, li tieħu inkunsiderazzjoni biss l-atti tal-Unjoni li jirrigwardaw l-Istati Membri kollha u l-persuni kollha kkonċernati minn din l-IĊE. Barra minn hekk, ma tantx jimporta li att, meħud waħdu, ma jippermettix li jintlaħqu b'mod sħiħ l-għanijiet imfittxija minn IĊE jekk l-atti u l-miżuri kollha msemmija mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha jistgħu, flimkien, jipparteċipaw fit-twettiq tal-imsemmija għanijiet.

Fir-rigward tal-**proposta 3**, il-Qorti Ġenerali tqis ukoll li l-Kummissjoni ġustament qieset li l-missjonijiet imwettqa, l-għanijiet imfittxija u l-attivitajiet meħuda miċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni tal-Kunsill tal-Ewropa (iktar 'il quddiem iċ-"ĊELM") jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija minn din il-proposta li jissaħħaħ l-għarfien tal-importanza, *inter alia*, tal-lingwi reġjonali jew minoritarji u li tiġi promossa d-diversità f'diversi livelli.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġustament qieset, fil-komunikazzjoni kkontestata, li ż-żamma u l-iżvilupp ta'

[5] Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).

[6] Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2022, Préfet du Gers u Institut national de la étaque et des études économiques, C-673/20 (ara wkoll CP Nru 98/22).

[7] Karta Ewropea tal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa tal-5 ta' Novembru 1992 (Ġabra tat-Trattati Ewropej – Nru 148).

kooperazzjoni ma' organizzazzjoni internazzjonali oħra f'oqsma li jikkorrispondu għal dawk li r-rikorrent ried jassenja liċ-ċentru għad-diversità lingwistika, jiġifieri ċ-ĊELM, li aderixxew miegħu l-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni u li huwa marbut mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa, jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija mill-proposta 3 u jevitaw id-duplikazzjoni ta' sforzi u ta' riżorsi.

Fir-rigward tal-**proposta 6**, sa fejn l-għan ta' din il-proposta huwa li tinkiseb l-estensjoni tad-drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza għall-persuni mingħajr Stat u l-familji tagħhom, li ilhom jgħixu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom għal ħajjithom kollha, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru jikkostitwixxi kundizzjoni indispensabbli sabiex persuna tkun tista' tikseb u żżomm l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u tibbenefika mid-drittijiet kollha relatati miegħu. Għalhekk, skont is-sentenza Préfet du Gers u Institut national de la statistique et des études économiques, iċċitata iktar 'il fuq, id-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni ma jistgħux jiġu estiżi għal persuni li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat li l-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali [8] jista' jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonn ta' persuni mingħajr Stat li jiġu integrati aħjar fis-soċjetà permezz ta' opportunitajiet aħjar ta' xogħol u ta' edukazzjoni kif ukoll ta' possibbiltajiet soċjali aħjar.

Fir-rigward tal-**proposta 8**, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva diġà tiffaċilita r-riċezzjoni u t-trażmissjoni mill-ġdid ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari ta' kontenut awdjoviżiv li joriġina minn Stati Membri li huma ġirien ta' Stat Membru partikolari, u dan b'lingwi li jistgħu jkunu ta' interess għal persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali li jgħixu f'dan l-aħħar Stat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset b'mod korrett li s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva tista' tikkontribwixxi għat-twettiq ta' għan imfittex mill-imsemmija proposta, jiġifieri t-titjib tal-aċċess għal kontenut awdjoviżiv ta' oriġini u b'lingwi differenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet ġustament tikkonkludi li ma kienet neċessarja l-ebda emenda tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-proposta 8.

**NOTA :** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

**NOTA :** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat ghal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jigi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Gustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha. Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

**Ibqgħu konnessi!**

[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027" (COM(2020) 758 final).